MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru. 488/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Bourouma Diara**

Illum id-19 ta’ Mejju tas-sena 2010.

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Bourouma Diara ta’ dsatax (19) –il sena, bin Mamadou u Fatimata, imwieled Guinea nhar l-1 ta’ Frar tas-sena 1992 u residenti gewwa Hal Far Tent Village u maghruf bin-numru tal-Pulizija 08LL-002;

Talli nhar it-18 ta' Mejju tas-sena 2010 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra (Art 3 (b) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Ghamel uzu, jew ittenta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra (Art 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Dwar xi informazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, ta jew gieghel li jinghata xi prospett falz (Art 32 (1) (c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Minghajr awtorita` legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Art 32 (1) (f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta);

Semghet lill-imputat jammetti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu;

Issibu hati;

Rat l-artikoli 3 (b), 4 tal-Kap 61;

Rat l-artikolu 32 (1) (c) tal-Kap 217 u tikkundannah ghall-prigunerija ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------